

# “Madre Margerita u l-Ferħ ta’ l-Evanġelju”

***Omelija dwar l-Ispiritwalità tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù, Fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, li saret minn Dun Ġużepp Gauci, waqt il-Quddiesa ta’ Radd il-Ħajr f’jum it-3 Ħadd matul is-Sena A, iċċelebrata minnu stess fil-Knisja tal-“Casa Madre” tal-Kongregazzjoni tagħha fil-Belt Victoria, Għawdex, f’jum il-71 Anniversarju ta’ Mewtha, it-22 ta’Jannar 2023, fil-5.00p.m.***

## Madre Margerita u l-Ferħ ta’ l-Evanġelju

**Maħbubin ħuti:** inġbarna flimkien fi spirtu qaddis biex niċċelebraw is-Sagrifiċċju Ewkaristiku, fi spirtu ta’ smiegħ tal-Kelma ta’ Alla u ta’ talb, fl-okkażjoni tal-71 Anniversarju mill-Mewt tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù, Fundatriċi ta’ din il-Familja Reliġjuża. Ippermettuli ntenni: kemm hu sabieħ infakkru f’dan l-ispirtu ta’ ġabra spiritwali, din il-ġrajja qaddisa biex tkun għalina okkażjoni oħra li naqsmu bejnietna l-għana ta’ spiritwalità li ħallitilna bl-eżempji ta’ ħajjitha u bit-tagħlim profond li nsibu fil-kitbiet tagħha, l-Omm qaddisa tagħna. Dak li se nimmeditaw illum se nisiltuh minn wieħed mill-ħsibijiet li toffrielna l-Liturġija tal-Kelma ta’ dan it-Tielet Ħadd Matul is-Sena A: (1) Ġesù Kristu hu l-għajn tal-ferħ veru li jista jimla l-qlubna. Flimkien ma’ dan l-ewwel ħsieb se nirrifletti wkoll dwar (2) il-ferħ ta’ l-Evanġelizzazzjoni u dwar (3) l-ispirtu Franġiskan tal-ferħ perfett, il-ferħ veru. Dwar dawn it-tliet ħsibijiet, se nkunu qed nikkonċentraw fuq dak li tgħallimna l-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù.

**Ġesù Kristu: l-għajn li tfawwar il-veru ferħ**

Il-ferħ hu don spiritwali kollu tjubija, mogħti mill-Ispirtu s-Santu lir-ruħ tal-bniedem; hu jurina s-sbuħija ta' Kristu fil-kelma u fid-dinja. Nistgħu ngħidu li l-ferħ hu s-sigurtà li Alla hu f'kontroll ta' kull ma jiġri fil-ħajja tal-bniedem, il-fiduċja siekta li fl-aħħar mill-aħħar kollox se jkun sewwa, u għalhekk hu l-għażla ċerta ta' tifħir 'l Alla f'kull sitwazzjoni. Dawn il-ftit ħsibijiet iwassluna għad-definizzjoni li l-ferħ hu tassew sentiment, iva, imma hu wkoll fiduċja ċerta ta' għaqda intima mad-dielja li hi Ġesù, kif imfisser minnu stess f'San Ġwann *"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi… Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom"* (15, 1 u 4). Il-ferħ hu għarfien li ħajjitna kollha tixrob minn din id-dielja, għax *"min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott"*(Ġw.15,5). U, għalhekk, il-ferħ hu wkoll l-istennija li jiġri x'jiġri, kollox se jkun sewwa hekk kif nieħdu l-ħajja mid-dielja, minn Ġesù Kristu Sidna. Dan ġie mfisser b'mod mill-aktar ċar mill-Fundatriċi, il-Venerabbli Madre Margerita lil waħda mis-Sorijiet tagħha, Sr. Giuditta Żammit, fl-okkażjoni tal-Professjoni tagħha fl-1930: dakinhar kitbitilha: *"Kuraġġ qawwi fil-ħajja ġdida li se tibda: dejjem ma' Ġesù, dejjem għal Ġesù u dejjem f'Ġesù, l-Għarus wisq ħelu maħluf tiegħek. Tgħidlu qatt biżżejjed, imma kun dejjem ġeneruża biex tkun tista' tasal fejn il-ħelu Maħbub iddestinalek postok."*(L128). U bħala riżultat ta' dan, fl-1895 kienet diġà awgurat lil reliġjuża oħra: *"Kuraġġ u qalb sħiħa, dejjem ferħana u magħquda miegħU; ħobbu, għannqu, ifraħ bih, ladarba hu daqshekk twajjeb u ta' min iħobbu"*(L139). Innutaw ftit il-fidi tal-Fundatriċi fil-verità li l-ferħ veru joħroġ mill-għaqda tal-fergħa ma' Kristu, id-dielja vera.

Dan il-ferħ wassal ħafna għall-martirju; kienu kollhom fiduċja fil-ferħ dejjiemi tas-sema. Meta Ġesù mar f'Kafarnahum, qrib xatt il-baħar, fl-inħawi ta' Żabulon u Neftali, l-Evanġelista San Mattew ra jitwettaq dak li kien ħabbar il-Profeta Iżaija meta, wara li waqa' l-għajb f'din l-art bl-invażjoni ta' l-Assirja, deher id-dawl tal-ħelsien bil-ferħ veru, li dwaru l-Profeta stqarr: *"Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir, in-nies li joqogħdu f'art id-dlam dawl kbir idda fuqhom. Int kattart il-hena, kabbart il-ferħ; huma ferħu quddiemek, bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad, bħalma jifirħu fi qsim il-priża. Għax il-madmad li kien itaqqlu, u l-ħatar ta' fuq spallejh, int kissirthom bħal f'jum Midjan"*(Iż., 9, 1-3). Dan li ħabbar Iżaija dwar il-ħelsien mill-jasar ta' l-Assirja, San Mattew rah iseħħ meta Kristu mar f'dawn l-inħawi tat-tramuntana tal-Palestina, biex bil-ħidma salvifika tiegħu jġib il-ħelsien tal-poplu mill-jasar tad-dnub. U kif il-ħelsien mill-jasar tal-Assirja ġab ferħ dakinhar tal-ħelsien tiegħu mill-ħakma krudila ta' l-akbar setgħa dinjija ta' dakinhar, hekk il-ħelsien mill-jasar tad-dnub kellu jġib ferħ veru fil-qlub ta' dawk kollha li kellhom jinħelsu mill-ħakma spiritwali ta' l-aqwa għadu tar-ruħ, tax-xitan, għax issa saru ta' Kristu.

Il-Papa Franġisku fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu *"Evangelii Gaudium – Il-Ferħ ta' l-Evanġelju"* ta' l-24 ta' Novembru 2013, kiteb: *"Il-ferħ tal-Vanġelu jimla l-qalb u l-ħajja kollha ta' dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù. Dawk li jħallu lilU jsalvahom, jinħelsu mid-dnub, min-niket, mill-vojt ġewwieni, mill-iżolament. Ma' Ġesù Kristu dejjem jitwieled u jerġa' jitwieled mill-ġdid il-ferħ. Nixtieq li din l-Eżortazzjoni tkun stedina lill-fidili Nsara biex imiddu pass ġdid ta' evanġelizzazzjoni mmarkat minn dan il-ferħ, u turi toroq għall-mixja tal-Knisja fis-snin li ġejjin."* (E.G.,1). Kien Ġesù stess li matul l-Aħħar Ikla ma' l-Appostli tiegħu, wegħedhom dan il-ferħ li jiġi mill-għaqda tagħhom miegħu: *"Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu f'imħabbti… Għidtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex dan il-ferħ tagħkom ikun sħiħ"*(Ġw. 15, 10-11); imbagħad kompla: *"Għad iġġarrbu n-niket, imma n-niket tagħkom għad jitbiddel f'hena… issa tħossukom imdejqa; imma għad*

*nerġa' narakom u qabkom tifraħ u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodulkom… Itolbu u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ"*(Ġw. 16:20-24). L-istess Madre Margerita bħal kellha dan il-kliem ta' Kristu f'moħħha meta fl-1891 kitbet lil Sr. Giovanna Fenech, waħda mir-Reliġjużi tagħha, għall-jum il-Professjoni: *"Iva, għażiża binti, ifraħ, kun hienja u serena għax l-Għarus li għażilt ħadd qatt ma jista' jeħodhulek. Imma, issa għandek tistinka biex tgħix għall-ġieħ u l-glorja tiegħu, biex tistudja gostih, u biex tippreferi għall-mitt darba l-mewt milli tagħtih l-iċken dispjaċir"*(L130).

Tinnota wkoll ċerti okkażjonijiet li fihom il-Venerabbli Fundatriċi tant kienet tesperimenta l-ferħ tal-għaqda ma' Ġesù, l-għajn li minnu jnixxi l-ferħ spiritwali, li kienet ukoll tħoss il-bżonn li taqsam dan il-ferħ ma' ħaddieħor. Waqt il-jiem ta' l-irtir fl-Imdina fl-1918, ħasset li trid taqsam dan il-ferħ mad- Direttur Spiritwali tagħha, Dun Anton Galea: *"Grazzi għat-twajjeb Ġesù tagħna ninsabu fil-milja tal-ferħ spiritwali taħt xita abbundanti ta' grazzi smewwija"*(L8). F'ittra oħra ta' Diċembru 1936, ħasset ukoll il-ħtieġa li taqsam il-ferħ li kienet qed tesperimenta qrib Ġesù fl-Ewkaristija, ma' Sr. Gertrude meta kitbitilha: *"Inħossni wisq hienja li nista' ngawdi il-kumpanija ħelwa tal-wisq ħelu Ġesù tiegħi"*(L127).

F'Lulju tal-2013, il-Papa Franġisku kellem lis-seminaristi, lir-reliġjużi u lin-novizzi dwar il-ferħ, kliem li jgħodd ħafna għalina waqt din iċ-ċelebrazzjoni:*"Irrid ngħid kelma lilkom u din il-kelma hi* ***Ferħ.*** *Kulfejn hemm persuni kkonsagrati, seminaristi, reliġjużi, żgħażagħ, dejjem hemm il-ferħ. Tibżgħux turu l-ferħ tagħkom li weġibtu għas-sejħa tal-Mulej, għall-għażla biex tħobbu u tagħtu xhieda għal Ġesù fis-servizz tal-Knisja. U l-ferħ, il-veru ferħ jittieħed, imexxina 'l quddiem bil-kuraġġ kollu".*U Madre Margerita kienet tħoss ukoll il-ħtieġa li trid taqsam il-ferħ tagħha ma' xi ħadd qrib tagħha. Kien ukoll għalhekk li f'diversi okkażjonijiet kienet tinqeda bi kliem San Pawl lill-Filippin: *"Ifirħu dejjem fil-Mulej: nerġa ngħidilkom, ifirħu"*(Fil.4, 4), biex tagħmel kuraġġ lil xi reliġjużi, bħal meta lin-nepputija tagħha, Sr. Antonia Abela kitbitilha: *"kuraġġ u nkomplu dejjem 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej"* (L163), u darb'oħra wkoll; *"Kuraġġ u dejjem 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej"*(L170). Bħal donnha riedet tfisser li l-ferħ jimliek bil-kuraġġ biex tkompli 'l quddiem minkejja problemi u diffikultajiet, għax ma' Ġesù ma jonqosx il-ferħ veru.

**Il-Ferħ ta' l-Evanġelizżazzjoni**

Meta l-Papa Franġisku fit-2 ta' April 2022, ġie fostna u kellimna f'Ta' Pinu, qalilna: "*Intom teżor fil-Knisja u għall-Knisja! Biex tħarsuh, tridu terġgħu lura għall-essenza tal-Kristjaneżmu: għall-imħabba ta' Alla, mutur tal-ferħ tagħna, li ġġagħalna noħorġu u nimxu fit-toroq tad-dinja; u għall-akkoljenza tal-proxxmu, li hija x-xhieda tagħna l-aktar sempliċi u sabiħa fid-dinja. Għax il-ferħ tal-Knisja hu li tevanġelizza!"* Dan il-kliem tal-Papa Franġisku, bħal jidwi fih b'mod qawwi dak li San Pawl kiteb lill-Filippin: *"Basta jixxandar Kristu: b'dan jien nifraħ, u nibqa' nifraħ, għax naf li dan, bit-talb tagħkom u bil-għajnuna ta' l-Ispirtu ta' Ġesù Kristu, għad jisfagħli għas-salvazzjoni".*(Fil.1, 18).

F'ittra li fiha Madre Margerita fissret il-ferħ tagħha dwar kif waħda mill-Komunitajiet tas-Sorijiet tagħha kattret l-ħidma tagħha għall-ġid ta' l-erwieħ, kompliet tnissel fihom spirtu ta' ferħ li l-għajn tiegħu hu Ġesù Salvatur u kompliet tħeġġiġhom biex tkattar l-fiduċja tagħhom fil-ħarsien tal-Providenza tiegħu li minnha tnixxi qawwa ta' sodisfazzjon li timla l-qalb umana

b'ferħ veru. Isimgħu ftit: *"Nifraħ għax kattartu ħidmietkom u għalhekk il-ġid ta' l-erwieħ li jiswew id-Demm għażiż tal-ħelu Salvatur tagħna. Ifirħu intom ukoll dejjem fl-istess Salvatur u, fuq kollox, ikbru fl-imħabba safja u fil-fiduċja sħiħa fil-ħarsien patern tal-Providenza divina. Qiegħdu l-fiduċja kollha tagħkom fil-Priġunier Maħbub u komplu 'l quddiem bil-kuraġġ"* (L152). Ninnutaw kif dak li l-Papa Franġisku sejjaħlu l-ferħ tal-Knisja li tevanġelizza kien tassew jimla l-qalb ta' Madre Margerita f'dawk iż-żminijiet tagħha. Infatti fl-ittra tagħha lil Sr. Giovanna Fenech fl-1891, fissret ruħha dwar il-ferħ li kien se jkun ta' l-akbar faraġ tagħha anke f'mewtha, billi kitbet: *"Oh! Li kieku nkun nista' nħalli ħajti fil-ħidma li nagħmel fil-kommunità għall-imħabba tal-Għarus waħdieni tiegħi! Oh! Kemm immut hienja!* (L130).

Dan is-sentiment ta' *"ferħ li tevanġelizza"*, kif stqarr il-Papa Franġisku f'Ta' Pinu, sentiment li kien jeżisti fil-qalb ta' San Pawl, l-Appostlu tal-Ġnus, u li l-Knisja għamlitu tagħha, u li tant kien jeżisti wkoll fil-ħsibijiet tal-Venerabbli Fundatriċi, l-istess Madre Margerita riedet tnisslu fi qlub is-Sorijiet tagħha. Infatti f'ittra miktuba wara ż-żjara kanonika tagħha lill-Kommunità tal-Qrendi, fil-25 ta' Ġunju 1920, kitbet:*"Bi pjaċir ninnota l-ħeġġa tagħkom: għandha tkunilkom ta' qawwa biex tistinkaw dejjem aktar fil-għalqa kbira li nfetħet għalikom. Tikkuntentaw qatt bil-ħidma tagħkom. Ftakru f'dak li naqraw fil-Vanġelu: 'Meta tkunu għamiltu dak li għandkom tagħmlu, għidu: aħna qaddejja bla siwi!' Kuraġġ, uliedi, u itolbu biex it-twajjeb Ġesù jagħmilna denji li naħdmu fl-għalqa tad-dwieli tiegħu bl-enerġija u l-ħeġġa li Hu jistenna mill-għarajjes maħbubin tiegħu"*(V6). Fuq kollox spiss kienet ittenni lis-Sorijiet tagħha dak li nsibu f'ittra ta' l-1925: "*Irrid, nixxennaq u nixtieq erwieħ, erwieħ! Agħtuni erwieħ li jħobbu tassew u b'imħabba safja lill-Mulej u etern Alla. U nkun hienja, hienja tassew"*(L72).

Fost ix-xhieda li nsibu fil-"Positio", jiġifieri dik il-ġabra ta' xhieda u tagħrif ieħor dwar il-Fundatriċi li ntbagħtet lill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin f'Ruma, insibu dik ta' Salvina Axiak waħda mill-lajċi li kienet taf sewwa lill-Fundatriċi, kienet toqgħod Marsalforn u meta mietet Madre Margerita kellha 21 sena: f'din ix-xhieda naqraw: "*Meta kont immur il-Casa Madre fl-okkażjoni ta' xi professjoni ta' sorijiet, kont ninnota l-ferħ li kien jimla qalb Madre Margerita. Jien u oħti konna mmorru fejnha u hi b'dirgħajja miftuħin kienet tgħid: 'Dawn il-professi ġodda huma bukkett fjuri għal Kristu. Tassew għandna nkunu hienja għax dawn is-sorijiet jibdew jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli tal-Mulej għall-ġid ta' l-erwieħ"; u kienet tkompli tgħid li wħud minnhom għad jintbagħtu biex jaqdu lill-Mulej fl-art tal-missjoni".* (P.,paġ.249). Anki din Salvina Axiak jidher li ntlaqtet mill-ferħ riżultat tal-ħeġġa li kella l-Fundatriċi għall-Evanġelizżazzjoni.

## Il-Ferħ Perfett tal-Fqajjar t'Assisi

Persuna li fehmet tassew il-ħsieb tal-ferħ kien Franġisku t'Assisi. Darba, meta kien f'Santa Marija ta' l-Anġli, sejjaħ lil Fra Leone u qallu: "Fra Leone, ikteb. U hu wieġbu: Hawn jien, arani lest. Mela ikteb, qallu, dwar liema hu l-ferħ veru. Jiġi xi ħadd u jġib miegħu l-bxara li l-għalliema kollha ta' Pariġi daħlu fl-Ordni. Ikteb: dan mhux il-ferħ veru. Jew jiġi xi ħadd jgħid li l-prelati kollha tan-naħa l-oħra ta' l-Alpi, l-arċisqfijiet u l-isqfijiet, u saħansidra r-rejiet ta' Franza u l-Ingilterra wkoll daħlu fl-Ordni. Ikteb: dan mhux il-ferħ veru. U wkoll, li l-aħwa tiegħi marru

għand dawk li ma jemmnux, u dawruhom kollha għall-fidi; u żid ukoll: li kieku l-aħwa kollha jagħmlu li z-zopop kollha jibdew jimxu, l-imgħawġin jiddrittaw, id-demonji jitkeċċew, l-għomja jibdew jaraw, it-torox isiru jisimgħu, l-imbikkma jitkellmu u dak li hu l-akbar, li jqajjmu lill-mejtin wara erbat ijiem. Ikteb: dan mhux il-veru ferħ. Ngħidlek li f'dawn il-ħwejjeġ kollha tal-għaġeb ma jinstabx il-ferħ veru".

Għalhekk Fra Leone saqsa lill Franġisku biex ifissirlu sewwa mela x'inhu l-ferħ veru. U Franġisku kompla: "Inkun ġej lura minn Peruġia u nasal hawn fl-eqqel tal-lejl. Ikun fix-xitwa, kullimkien tajn u kesħa xxoqq il-għadam, hekk li ponot tas-silġ magħqud jiffurmaw mat-trufijiet tat-tonka u jibdew il-ħin kollu jħabbtu ma' riġlejja, u d-demm jibda jnixxi mill-feriti li jagħmluli. U mimli tajn u silġ, u ffriżat bil-bard, niġi ħdejn il-bieb, u wara li jkun ilni nħabbat u nsejjaħ lil xi ħadd jiġi jiftaħli, fl-aħħar jiġi xi ħadd mill-aħwa, u jistaqsi: Min hemm ? U jien inwieġeb: Jien, ħuk Franġisku. U hu jgħid: Itlaq, dan mhux ħin li tiġġerra 'l hawn u 'l hinn: hawn ma tidħolx. U meta jien nibqa' ninsisti, hu jweġibni: Itlaq ja bniedem ġifa, li ma tiswa għal xejn. Ara li ma tersaqx 'l hawn aktar. Hawn ninsabu ħafna, u m'għandniex bżonnok! U minkejja dan, jien nerġa mmur inħabbat mill-ġdid fuq il-bieb u ngħidlu: Għall-imħabba ta' Alla iġbruni magħkom almenu għal dan il-lejl. U hu jwieġeb: Ma ndaħħlekx. Mur għand il-Kruċifri u għidilhom idaħħluk huma. Tajjeb! Ngħidlek li kieku kelli nżomm is-sabar u ma ngħallihx jitlagħli, f'dan kollu hemm il-ferħ veru u l-virtù vera u s-salvazzjoni tar-ruħ. Iva, ikteb Fra Leone, tassew dan hu l-veru ferħ".

Din l-idea tal-veru ferħ bħal donnha tħawdek u tixxukkjak xi ftit mhux ħażin: kif tista' tifraħ f'sitwazzjoni tassew nieqsa minn kull sinjal ta' kuntentizza ? Iva, tista', għax il-ferħ veru jiġi minn ġewwa fina u mhux minn xi ħaġa 'l barra minna; kif għallimna San Pawl il-ferħ hu t-tieni fost il-frott ta' l-Ispirtu, *"l-imħabba, il-ferħ, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan"*(Gal. 5, 12-13). U, allura, ukoll meta neqsin minn ambjent ta' kuntentizza, ta' tgawdija, nemmnu li Alla hu hemm, hu dejjem jibqa' hemm għax Alla hu l-għajn tal-ferħ veru. U, allura, il-"*perfetta letizia",* il-ferħ perfett u veru li tant ippriedka Franġisku t'Assisi, hu dak il-ferħ li jibqa' ferħ anke meta jinsab f'ambjenti, f'sitwazzjonijiet, nieqsa minn kull sens ta' tgawdija, minn kull pjaċir uman.

L-istess Madre Margerita, li qed infakkru f'din l-okkażjoni tal-lum, kienet temmen bis-sħiħ li hemm il-veru ferħ f'sitwazzjoni nieqsa minn kull sinjal ta' kuntentizza: kienet temmen u turi fil-prattika li l-ferħ veru jibqa' jimla l-qalb, anke meta din issib ruħha fl-ambjent ftit u xejn tqil tat-tbatija. Isimgħuha x'kitbet lil waħda mis-sorijiet tagħha li fl-1892, kienet tinsab marida: *"Oh! Kemm hu għażiż in-nifs li jittieħed fuq is-siġra tas-salib mal-Maħbub waħdieni ta' qalbna. Oh! Kemm hu għażiż li tkun waħdek mal-Maħbub, tbati bl-imħabba... Jekk nemmnu dan, kull salib ċkejken li jingħatalna, jista' forsi ma jkunx ta' ferħ kbir għalina ? Għalhekk, kun ferħana kemm jekk fis-sodda jew fuq il-pultruna; u meta tkun tista', ersaq ftit ħdejn il-Priġunier Maħbub".*(L138). Il-Madre tħeġġeġ lil din is-soru marida biex tifraħ, għax bħal Franġisku t'Assisi kienet temmen li l-imħabba għal Ġesù kienet timla bil-ferħ veru l-istess tbatija.

Kien għalhekk ukoll li f'Ottubru 1921, meta kienet qed issieħeb lill-Madre Nazzarena Gouder f'Ruma, minħabba l-mard tagħha, minn hemm kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha: *"Oh! Kemm hu twajjeb l-Għarus tagħna, li jaf sewwa kif inaqqas il-qawwa ta' l-imrar tal-ħajja; anzi, nissogra ngħid, jibdilhom f'ferħ"*(L16). Meta darba ppruvat tfisser ir-regola fundamentali tal-ħajja

spiritwali tagħha, fl-1920, kitbet lil waħda mis-Sorijiet tagħha: *"Inħobbu l-Imħabba jfisser inbatu għall-Imħabba. Jiġifieri nkunu dejjem ferħana u lesti biex fl-okkażjonijiet kollha nimmortifikaw l-amor proprju tagħna"*(L141). U nafu li l-ġlieda kontra l-amor proprju mhix ċajta! Imbagħad fissret ukoll ruħha meta f'ittra ta' l-1938 kitbet lil soru oħra: "*Inħossni tassew ferħana li nbati... Għandi għatx kbir għat-tbatijiet li nqishom ftit wisq biex nikkuntenta lil Ġesù tiegħi"*(L148). Kemm tassew il-Fundatriċi kienet mimlija bl-ispirtu franġiskan tal-*"Perfetta letizia"*. Fil-"Positio", fost ix-xhieda naqraw dik ta' Sr. Igina Cassar li meta mietet Madre Margerita kellha 38 sena, li qalet: *"Kelli okkażjoni li nkun naf lill-Qaddejja ta' Alla fl-aħħar tmien snin ta' ħajjitha u niftakar sewwa... li kienet taċċetta kull tbatija bl-akbar ferħ"* (P. paġ. 212).

Il-Papa Franġisku, f'omelija tiegħu fl-2018 fisser din l-idea dwar il-veru ferħ meta qal: "*Il-ferħ ma jfissirx li tgħaddi ħinek minn daħqa għal daħqa. Le dak mhux il-veru ferħ li tgħix fit-tgawdija. Il-veru ferħ hu xi ħaġa differenti. Il-ferħ nisrani hu sliem, sliem imħawwel ġewwa, f'qalbek, is-sliem li Alla biss jaf jagħti. Dan hu l-ferħ veru, il-ferħ nisrani, li jaf jeżisti wkoll f'sitwazzjoni diffiċli"*. U rajna wkoll kif il-Venerabbli Fundatriċi, fuq il-passi tal-Fqajjar t'Assisi, kien għarfet sewwa u stinkat biex tnissel fl-ulied spiritwali tagħha, il-ferħ perfett, il-ferħ veru li jirriżulta minn mixja awtentika wara Kristu li wegħedna *"Għad iġġarrbu n-niket, imma n-niket tagħkom għad jitbiddel f'hena... Itolbu u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ"*(Ġw.16,20 u 15, 24).

**Għeluq**

Jiena nħossni ċert li kien minħabba dan kollu li rriflettejna dwaru llum, li l-Venerabbli omm spiritwali tagħna, Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, kienet spiss ittenni lis-Sorijiet jew lil xi waħda minnhom: *"Kuraġġ u dejjem 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej"*(B103).

Iva, maħbubin tiegħi, dan hu l-ħsieb li bih irrid nagħlaq din it-tifkira tiegħi tal-71 Sena mill-mewt tal-għażiża Madre Margerita. Dan hu l-ħsieb li bih irrid nawguralkom minn qalbi bi kliemha: "**kuraġġ u dejjem 'l quddiem bil-ferħ fil-Mulej".** Dan hu li rrid nistedinkom nitolbu flimkien bil-ħeġġa kollha lill-Mulej Ġesù l-għajn tal-ferħ veru, bl-interċessjoni tal-Verġni Marija *"bidu tal-ferħ tagħna"*, u, fuq kollox, tal-Venerabbli Omm spiritwali tagħna, Madre Margerita. Ammen.

# Talba tal-Fidili

**Daħla.** Inġbarna flimkien biex fi spirtu ta' ferħ u radd il-ħajr niċċelebraw il-jum li fih il-Mulej għoġbu jieħu għal dejjem miegħu fil-ferħ dejjiemi tas-sema lill-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù li llum, 71 sena wara mewtha, mis-sema għadha tgħallimna x'inhu l-ferħ veru li jwassalna fejnha. Nitolbu flimkien li dak li hi tgħallimna, nistinkaw biex ngħixuh bil-ferħ u bil-kuraġġ, billi nistqarru flimkien:

**Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

Mulej Alla Missier, minnek ġej il-ferħ veru għax Int l-istess imħabba: nissel fi qlubna dan il-ferħ tiegħek, u għalhekk nitolbuk, **Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

Mulej Ġesù Kristu, fl-għaqda miegħek, bħal frieghi li huma ħaġa waħda mad-dielja vera, Int tkun għalina l-għajn ta' kull ferħ li jimla qalbna, u għalhekk nitolbuk, **Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

Mulej Spirtu s-Santu, fost il-frott tal-ħidma tiegħek fina, hemm il-ferħ li jżomm lill-qlubna mimlija sliem u kuraġġ: għalhekk nitolbuk, **Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

Mulej Sid tagħna li sirt bniedem mill-Omm Verġni Marija bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u l-ispirtu tagħha mtela' bil-ferħ fik, Alla tagħha: għat-talb tagħha, li hi l-bidu tal-ferħ tagħna, nitolbuk: **Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

Mulej Alla, Int id-dawl li jnebbaħna kull ġid u kont Int li wrejt lill-Fqajjar ta' Assisi x'inhu l-ferħ veru: kompli għallimna permezz tiegħu kif nagħmlu l-aħjar għażliet li jwassluna għall-ferħ nisrani veru u bit-talb tiegħu: **Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

Mulej Alla li Int Imħabba u ridt li l-Fundatriċi tagħna tħobb l-Imħabba u taħdem bla heda biex tagħmilha magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien, u b'hekk esperimentat il-ferħ veru li jiġi minnek: nitolbuk agħtina sinjal mis-sema li jista' jwassal lill-Knisja biex tasal għall-Beatifikazzjoni tagħha, u lilna, **Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

Mulej Alla, Int il-ferħ veru tagħna: nitolbuk wassal lill-ħutna mejtin għall-ferħ ta' dejjem fis-sema u lilna li għadna hawn, ħerqana li nimxu fuq il-passi spiritwali li wrietna l-Fundatriċi tagħna, **Imliena, Mulej, bil-ferħ veru li ġej minnek.**

**Għeluq.** Nitolbuk, Mulej Alla tagħna, agħtina li dejjem inġarrbu l-ferħ tar-rabta tagħna miegħek, għax il-ferħ sħiħ u bla tmiem jinsab filli naqdu dejjem lilek li minnek jiġina kull ġid. Il-kuntatt intimu ma' Kristu Ibnek, id-dielja vera li tagħha aħna l-frieghi, iwassalna biex kullimkien nagħtu xhieda bil-fomm u bl-għemil ta' l-Imħabba tiegħek, biex nevanġelizzaw bla waqfien l-Imħabba li mhix magħrufa minn kulħadd u kullimkien, u, fuq kollox jgħinna nkomplu nesperimentaw dan il-ferħ anke meta jkun meħtieġ nerfgħu bħal Kristu stess is-salib tat-tbatija. Dan nixtiequ nagħmluh fuq l-eżempju u t-tagħlim tal-Fundatriċi għażiża tagħna, il-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, li għaliha u għall-Kongregazzjoni għażiża li ħallitilna, irroddulek ħajr minn qalbna f'dan il-jum għażiż tal-71 Anniversarju minn meta daħlet fil-ferħ dejjiemi tas-sema. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.